**“Who is my brother's keeper” - Conference organised by the Mental Health Association Malta and funded by MCCF (Fond Għaqdiet Volontarji)**

**17 ta’ Ottubru 2015**

Ministru Chris Fearne
Onorevoli Claudette Buttigieg
Sinjuri

**Nselmillkom.**

**Huwa ta’ sodisfazzjon kbir għalija, u għat-team kollhu tal-*Malta Community Chest Fund*, li llum qed naraw il-frott ta’ parti mill-fondi miġbura mill-Fondazzjoni bil-generożità tal-poplu Malti u Għawdxi.**

**Il-Fond Għaqdiet Volontarji tal-*Malta Community Chest Fund*, jagħti fondi lill għaqdiet volontarji biex iwettqu proġetti li jagħtu sostenn lin-nies, speċjalent dawk li għandhom bżonnijiet ta’ saħħa jew bżonnijiet soċjali.**

**L-Assoċjazzjoni Maltija tas-Saħħa Mentali intgħazlet bħala waħda mill-benefiċċjarji ta’ dan il-fond propju għax tindirizza suġġett li huwa ta’ prijorità għal pajjiżna, speċjalment għan-nies milquta mil-mard mentali biex tittella din il-konferenza.**

**Skond studju ppublikat minn Dr Beppe Micallef Trigona fl' 2014, huwa stmat li kwart tal-poplazzjoni jkollhom bżonn kura psikatra f'xi żmien tul ħajjithom.**

**Il-konferenza tindirizza aspett partikolari tas-saħħa mentali, dik tal-*carers* informali ta' nies ibgħatu minn mard mentali, u se sservi biex ikun hawn aktar għarfien tar-realtà tal-ħajja tagħhom, u d-diffikultajiet li jkunu għaddejjin minnhom.**

**Għalkemm nies morda bil-mard mentali għandhom bżonn ta' kura u dedikazzjoni daqs nies bi kwalunkwe mard ieħor, l-istgma marbuta mal-mard mentali għada tesisti sal-lum.**

**L-istigma tal-mard mentali taffetwa mhux biss lil pażjent, iżda lil familjari ukoll, speċjalment dawk li jieħdu ħsieb lil persuna biproblema. Dan huwa s-suġġett tal-konferenza llum, u kien projpu dan il-ħsieb li bih l-Assoċjazzjoni rebħet il-fondi biex twettaq il-proġett.**

**Fi studju li sar mill-EUFAMI din is-sena, fejn Malta kienet parteċipa, waħda mill-mistoqsijiet kienet dwar xiex jinkwetaw l-aktar dawk li jieħdu ħsieb nies bil-mard mentali.**

Ir-risposti tal-Maltin kienu li jinkwetaw dwar l-għajnuna u support professjonali għalihom infushom, li l-persuna li qed jieħdu ħsieb tgħidilhom affarijiet li tweġġagħhom, u li jaslu f'punt ta' *burn out*.

Mill-istess studju ħareġ ukoll x'diffikultajiet jgħaddu minnhom dawn l-istess *carers.* Jibdew iħossuhom iferjuri, inqas kapaċi, jistħu minn kullħadd, u ma jemmnux fihom infushom, u fil-kapaċitajiet tagħhom.

Dawn huma kollha perspettivi li s-soċjetà tagħna trid tindirizza, jekk irridu li n-nies bil-mard mentali, u l-*carers* tagħhom, jkollhom il-possibilità li jgħxu ħajja aħjar.

Irridu nżommu f'moħħna li persuni li jieħdu ħsieb xi ħadd fil-familja għandhom rwol ċentrali fil-kura ta' persuni b'mard mentali.

Persuni li jieħdu ħsieb membru tal-familja, jesperjenzaw huma stess, problemi, bħall stress, iħossuhom iżolati u jinkwetaw fuq il-futur tal-pazjent.

**Jien nemmen bis-sħiħ li l-familji Maltin u Għawdxin għad għandhom valuri, li fost affarijiet oħrajn, jwarrbu l-aspirazzjonijiet tagħhom u ħajjithom, kif ukoll il-karriera tagħhom, biex jieħdu ħsieb lil membri tal-familja, u ta' dan jiena kburija ħafna bihom.**

**Iżda nifhmu li tagħti ħajtek għall-ħaddieħor titlob ħafna saġrifiċċji personali ukoll.**

**Hemm bżonn li titqajjem kuxjenza dwar l-irwol importanti, u tant meħtieġ, tal-*carers* informali fid-dinja tal-lum, u aktar u aktar ta' carers ta' nies għaddejjin minn problemi mentali.**

**Ċertu ammont ta' kura informali hija meħtieġa fil-komunità biex tikkumplementa, u fil-fatt timla il-vojt li jistgħu jesistu fis-servizzi ta' kura formali.**

**Hemm bżonn li l-*informal carers* ikunu apprezzati aktar, izda ukoll, is-soċjetà tagħraf r-rwol kruċjali tagħhom u l-kontribut indispensabbli li qedgħin jagħtu fil-kwiet u mingħajr l-ebda kumpens.**

**Fil-waqt li nifirħilkom li organiżżajtu din il-konferenza, nawgura lill-assoċjazzjoni aktar xogħol siewi għal ġid ta' nies li għandhom bżonn l-għajnuna tagħkom.**

**Nawguralkom minn qalbi u l-jum it-tajjeb lil kullħadd.**